

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2009 — Centre national de la recherche scientifique vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-447/09)

(2010/C 24/98)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Centre national de la recherche scientifique (Pariġi, Franzja) (rappreżentant: N. Lenoir, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Awwissu 2009 dwar it-tpaċċija bejn l-ammont riċevibbli mnissel mill-Kuntratt FP7 239108 ICT — VAMDC/=PF=, minn naħa, u l-allegat ammont riċevibbli dovut lill-Komunità dovut mis-CNRS u mitlub abbażi tal-Kuntratt NEMAGENETAG, min-naħħa l-oħra;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

B'dan ir-rikors, is-Centre national de la recherche scientifique (CNRS) jitlob l-annullament tal-att ta' tpaċċija, li jinsab fid-Deċiżjoni BUDG/C3 D(2009) 10.5 — 1232, tat-28 ta' Awwissu 2009, li permezz tagħha l-Kummissjoni rkuprat is-somom imħallsa lir-rikorrent fil-kuntest tal-Kuntratt NEMAGENETAG dwar proġett tas-sitt programm-qafas ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku.

Insostenn tal-motiv tiegħu, ir-rikorrent iressaq tliet motivi bbażati:

- fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża sa fejn id-Deċiżjoni ttieħdet mingħajr ma l-Kummissjoni eżaminat l-elementi dettaljati tar-risposta tas-CNRS għar-rapport tal-verifika finali;
- fuq żbalji ta' liġi u żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-fatti li jaffettwaw id-Deċiżjoni u li wasslu lill-Kummissjoni, minn naħħa, sabiex tiċħad infiġ billi emendat il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli u, min-naħħa l-oħra, sabiex teskludi b'mod żbaljat elementi probatorji tal-ispejjeż inkorsi għall-proġetti;
- fuq ksur tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament Finanzjarju, sa fejn, fl-ewwel lok, l-ammont riċevibbli kkontestat ma setax jitqies bħala “ċert, ta' ammont fiss u dovut” minħabba n-natura serja tal-kontestazzjoni li huwa kien is-suġġett tagħha, fit-tieni lok, l-ammont ricevibili, li taw lok għal tpaċċija bejniethom, ma setgħux jitqiesu bħala reċiproċi, peress li wieħed huwa kollettiv, filwaqt li l-ieħor huwa personali, u fl-aħħar nett l-ammont ta' finanzjament minn qabel dovut taħt il-Kuntratt VAMXC ma kienx dovut fil-mument tal-adozzjoni tal-att ta' tpaċċija.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2009 — Centre national de la recherche scientifique vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-448/09)

(2010/C 24/99)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Centre national de la recherche scientifique (Pariġi, Franzja) (rappreżentant: N. Lenoir, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrent**

- tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-allegat ammont riċevibbli ta' EUR 110 102,26, miżjud bl-interessi moratorji bir-rata legali, skont id-dritt Belġjan applikabbli għall-kuntratt, mitlub mill-Kummissjoni skont il-kuntratt fin-nota ta' debitu tagħha tad-29 ta' Ġunju 2009 (referenza Nru 3230906067) u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tas-17 ta' Awwissu [referenza BUDG/C3 D(2009) 10.5 — 1232];
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

B'dan ir-rikors, is-Centre national de la recherche scientifique (CNRS) jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-ammont riċevibbli ta' EUR 110 102,26, kif jinsab fin-nota ta' debitu Nru 3230906573, tad-29 ta' Ġunju 2009, allegatament dovut mir-rikorrent, skont il-Kuntratt EURO-THYMAIDE dwar proġetti tas-sitt programm-qafas ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku, u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tas-17 ta' Awwissu 2009, kif ukoll għall-ħlas tal-interessi moratorji.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent iressaq tliet motivi bbażati:

- fuq in-nonosseranza tal-kriterji ta' ġustifikazzjoni tal-infıq previsti fuq bażi kuntrattwali, sa fejn il-Kummissjoni injorat l-Artikolu II.19.1 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt EURO-THYMAIDE dwar l-infıq eliġibbli u sussidjarjament, fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' bona fide previst mill-Artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan — billi eskludiet elementi ġustifikattivi tal-infıq dirett tal-persunal involut fil-proġetti li, madankollu, kienu ta' valur probatorju ċar. Dan

l-aproċċ wassal lill-Kummissjoni sabiex tiċħad b'mod żbaljat ċertu nfiq dirett tal-persunal u sabiex twettaq ċerti aġġustamenti, li dehru permezz tal-ammont riċevibbli kkon-testat;

- fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-Provvediment għal Telf ta' Impieg (PTI) fid-dawl tal-kriterji previsti mill-Artikoli II.19.1, II.19.2.c u II.20 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt EURO-THYMAIDE, ġaladarba, bil-kontra tal-isem qarrieqi tiegħu, il-PTI huwa nfiq tal-persunal marbut mal-assigurazzjoni kontra l-qgħad li ma jistax jinfired mill-infiq eliġibbli tal-persunal. Billi ċaħdet infiq eliġibbli, peress li l-ammonti jikkorrispondu għall-PTI miġbur fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju tas-CNRS involut fil-Proġett, il-Kummissjoni kisret it-termini msemmija hawn fuq;
- fuq l-evalwazzjoni manifestament żbaljata tas-salarji tal-leave tal-mard fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fuq bażi kuntrattwali, sa fejn il-Kummissjoni, bil-kontra tal-Artikolu 11.19 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt EURO-THYMAIDE, żiedet is-salarji mhalla lill-persunal tas-CNRS involut fil-proġett matul il-leave tal-mard mal-infiq li muhuwiex eliġibbli.

---

#### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2009 — Centre national de la recherche scientifique vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-449/09)

(2010/C 24/100)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Centre national de la recherche scientifique (Pariġi, Franza) (rappreżentant: N. Lenoir, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-allegat ammont riċevibbli ta' EUR 97 399,55 mitlub mill-Kummissjoni skont il-kuntratt fin-nota ta' debitu tagħha Nru 3230906573, tas-6 ta' Lulju 2009, u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tat-28 ta' Awwissu 2009 (referenza BUDG/C3 D2009 10.5 — 1232), miżjud bl-interessi moratorji bir-rata legali, skont id-dritt Belġian applikabbli għall-kuntratt;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors, is-Centre national de la recherche scientifique (CNRS) jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rifużjoni tal-ammont riċevibbli ta' EUR 97 399,55, kif jinsab fin-nota ta' debitu Nru 3230906573, tas-6 ta' Lulju 2009, allegatament dovut mir-rikorrent, skont il-Kuntratt NEMAGENETAG dwar proġett tas-sitt programm-qafas ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku, u li ta lok għall-att ta' tpaċċija tat-28 ta' Awwissu 2009, kif ukoll għall-ħlas tal-interessi moratorji.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent iressaq żewġ motivi bbażati:

- fuq in-nonosseranza tal-kriterji ta' definizzjoni u ta' ġustifikazzjoni tal-infiq eliġibbli previsti mill-Kuntratt NEMAGENETAG u tal-prinċipju ta' bona fide fl-eżekuzzjoni tal-ftehim, li llimita, u f-xi każijiet, ċaħħad lis-CNRS, mill-possibbiltà li iressaq il-prova ta' eżekuzzjoni tajba tal-kuntratt;
- fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-Provvediment għal Telf ta' Impieg (PTI) fid-dawl tal-kriterji previsti mill-Artikoli II.19.1, II.19.2.c u II.20 tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-Kuntratt NEMAGENETAG, għaliex, bil-kontra tal-isem qarrieqi tiegħu, il-PTI huwa nfiq tal-persunal marbut mal-assigurazzjoni kontra l-qgħad li ma jistax jinfired mill-infiq eliġibbli tal-persunal. Billi ċaħdet infiġq eliġibbli, peress li l-ammonti jikkorrispondu għall-PTI miġbur fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju tas-CNRS involut fil-Proġett NEMAGENETAG, il-Kummissjoni kisret it-termini msemmija hawn fuq.

#### Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2009 — Wind vs UASI — Sanyang Industry (Wind)

(Kawża T-451/09)

(2010/C 24/101)

Lingwa tar-rikors: L-Inglijz

#### Partijiet

Rikorrent: Harry Wind (Selfkant, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Sroka, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sanyang Industry Co. Ltd (Hsinchu, it-Tajwan)